Każistika nazzjonali

Malta

Din il-paġna tagħtik informazzjoni dwar il-ġurisprudenza Maltija.

Ġurisprudenza

Struttura tad-deċiżjonijiet/Titoli

Għalkemm il-kelmiet prinċipali ma ssibhomx bħala titolu fil-ġurisprudenza, hemm funzjoni fl-applikazzjoni tas-sentenzi nazzjonali – parti mis-sistema ta' Ġestjoni tal-Kawżi Legali (LECAM - *Legal Case Management*) li tintuża fil-Qrati tal-Ġustizzja – fejn ċerti sentenzi li jiġu kkunsidrati interessanti jiġu indiċjati. Pereżempju, sett ta' kelmiet prinċipali flimkien ma' sommarju tas-sentenza jkollhom *link* għal mar-rekord.

Għad-deċiżjonijiet kollha tal-qrati jintuża mudell speċifiku wieħed, li jinkludi l-istemma araldika nazzjonali, il-qorti, l-isem tal-ġudikant, id-data tas-seduta, in-numru ta' referenza tal-kawża, il-partijiet involuti fil-kawża (A vs B) segwiti mit-test effettiv tas-sentenza tal-qorti. It-tipa, il-*header* u l-*footer* huma inklużi wkoll fil-mudell.

Formati

Il-ġurisprudenza hija disponibbli f'format PDF.

Proċedimenti ulterjuri

	Qrati Superjuri	Qrati oħrajn
Hija disponibbli informazzjoni dwar: appelli?	 Iva	 Iva
jekk kawża għadhiex pendenti?	Iva	Iva
ir-riżultati tal-appelli?	Iva	Iva
l-irrevokabbiltà tad-deċiżjoni?	Iva	Iva
proċedimenti ulterjuri quddiem - qorti interna oħra (il-Qorti Kostituzzjonali…)? - il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja? - il-Qorti tad-Drittijiet tal-Bniedem?	 Iva Le Le	 Iva Le Le

Regoli tal-pubblikazzjoni

	fuq il-livell nazzjonali?	fuq il-livell tal-qrati
Hemm regoli vinkolanti għall-pubblikazzjoni tal-ġurisprudenza?	Iva	Iva

Skont ir-regoli attwali, is-sentenza trid issir pubblika imma m'hemmx indikazzjoni b'liema mezz għandu jsir dan.

F'Malta tiġi ppubblikata l-ġurisprudenza sħiħa.

Fis-sentenzi tal-Qorti tal-Familja mhumiex inklużi ismijiet personali. Barra minn hekk, jekk l-imħallef jew il-maġistrat li jkun qed jippresedi xi qorti jordna li l-isem ta' xi waħda mill-partijiet involuti jew akkużati ma jiġix ippubblikat, is-sentenza f'din il-kawża lanqas ma tinkludi ismijiet personali.

L-aħħar aġġornament: 04/05/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.